# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija



# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
email:parbur@waldonet.net.mt

**LEĦEN IL-PARROĊĊA - OTTOBRU 09- NRU.326**



**Il-Paċi magħkom**:

# SAN FRANĠISK, JIENA U L-MULEJ

Għeżież għażilt dan it-titlu għaliex ħassejt li huma żewg personaġġi importanti fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna, magħhom daħħalt il-**Jiena** u dan huwa **jiena u inti** li fuqhom irridu nibnu l-ħajja tagħna.

Għażilt lil San Franġisk għaliex fix-xahar ta' Ottubru nfakkru l-mewt tiegħu f'din il-ħajja terrena u bidu ta' ħajja ġdida mal-Mulej, imma ukoll għaliex il-ħajja tiegħu kienet imfassla fuq il-ħajja ta' sidna Ġesu Kristu kif suppost kull wieħed minna jfassal ħajtu. Fil-ħajja ta' San Franġisk insibu ħafna affarijiet komuni ma' dik ta' Ġesu Kristu, Inti x'għandek komuni magħkom?

Waqt li kont qed naqra l-Vanġelu tat-23 Ħadd ta' matul is-sena, u nirrifletti fuqu biex inkun nista' nwassal il-kelma, qanqalli ħafna mistoqsijiet li sejjer naqsamhom magħkom ukoll hawn f' dan l-artiklu għaliex naħseb li jgħodd għalina ukoll li aħna niffurmaw Komunita' nisranija u li qegħdin naħdmu għall-imħabba ta' Alla. Il-test huwa (Mark kap 8, versi 27-38) li huwa l-istqarrija tal-fidi ta' Pietru. Naraw fiha din is-silta kemm l-ispiritwalita' tagħna kif ukoll il-ħajja materjali, li ħafna drabi twassalna biex naġixxu bl-umanita' tagħna biss!

Kemm San Franġisk kif ukoll Ġesu' għaddew minn ħafna persekuzzjonijiet u dan għaliex kien hemm min ma għoġbux il-mod kif huma kienu jaġixxu u jitkellmu u allura kien hemm min ipprova jagħmel minn kollox biex jeqridhom minn wiċċ l-art. Imma fejn hemm l-imħabba, fejn hemm Alla fil-qalb tal-bniedem, dan ma jseħħx għaliex it-tnejn li huma għadhom fuq fomm il-bniedem, it-tnejn li huma għadhom jissemmew, it-tnejn li huma għadhom ħajjin b'ispiritwalita' tagħhom. Hawn jidħol il-JIEN kif ukoll il-parroċċa tagħna. Jiena x'qed nagħmel? Qed naħdem għalija nnifsi biex ikun hemm min iffaħħarni, biex nieħu jiena l-premju, biex ikolli post żgur fil- ħajja ta' dejjem jew jiena qed naħdem fil-parroċċa għall-glorja ta' Alla, biex inkun nista' bix-xogħol tiegħi, bis-sehem tiegħi nwassal lil ħaddieħor il-kelma ta' Alla u nkomplu ninbnew fi spirtu wieħed. Tajjeb li nirriflettu verament u serjament, għaliex jekk aħna qegħdin naħdmu biex nakkwistaw aħna allura sejrin żball għaliex mhux dan li jrid Alla minna.

Kien hemm min minnhom forsi mhux b'intenzjoni ħazina pprova jagħmel il-ħsara, nista' nsemmi lil Ġuda, Pietru, u anke fost l-aħwa ta' Franġisku kien hemm min ma kienx jogħġbu l-mod u l-istil kif kien imexxi u ppruvaw jagħmlu minn kollox biex ikissru! Imma isimgħu x'qallu Ġesu' lil Pieru f'din is-silta:

**"Itlaq minn quddiemi, ja xitan, għax m'intix taħseb fil-ħwejjeġ ta' Alla, imma f'dawk tal-bnedmin!".**

U ħafna drabi hekk jiġrilna aħna, ma naħsbux fl-oħrajn imma fl-interessi tagħna, mhux għax inkunu rridu imma l-umanita' tagħna ħafna drabi twassalna biex nagħmlu dan. Irridu iżjed naħsbu f'xulxin, naħdmu flimkien, niskopru lil xulxin, nitkellmu flimkien, nirrispettaw lil xulxin, naċċettaw l-ideat ta' xulxin. Naslu għal dan meta' aħna jirnexxielna naċċettaw lilna nfusna kif aħna kif ukoll lil Alla f'ħajjitna, fl-aħħar mill-aħħar kif għamel San Franġisk, meta huwa aċċetta lil Alla f'ħajtu u sar parti minnu allura huwa seta' jaħdem għal Alla u mhux iżjed għalih innifsu, u hekk inkunu qegħdin inneħħu minn ġo fina l-bniedem il-ħazin, bħal ma huma, rabja, għira, eġoiżmu, suppervja, mibgħeda, inġustzzji, inċertezzi, u ħafna oħrajn. Dan jista' jiseħħ meta aħna nibdew naċċettaw lil min Alla poġġielna quddiemna biex imexxina u lil Alla f'ħajjitna, b'hekk inkunu qegħdin ninbnew aħna kif ukoll inkunu qegħdin nibnu komunita' ta' imħabba u għaqda. Għaliex faċli li nagħmlu l-ħsara bil-kliem tagħna billi nparlaw minn wara xulxin, ngħidu fuq xulxin, ma nirrispettawx lil xulxin, ma nilqgħux kritika mingħand xulxin.

U naħseb li għidt biżżejjed x'inhuwa l-għan tiegħi fil-Parroċċa, li jiena naħdem għalija nnifsi, allura ma jinteressani minn xejn u minn ħadd. L-aqwa li nidher jiena, jew li jiena naħdem biex ninbena jiena u biex nibni lil ħaddieħor u inwassal il-Kelma ta' Alla permezz tal-imġieba u l-eżempju u x-xogħol tiegħi. Jekk għadek ma wasaltx għal dan, allura jeħtieġ li tfittex iżjed lil Alla f'ħajtek kif għamel Missierna San Franġisk għaliex meta għamel dan il-kuxjenza tiegħu strieħet u ħadem għal ġid tal-umanita' tal-bniedem u mhux iżjed għalih innifsu.

**Il-Mulej jagħtikom il-Barka Tiegħu**

**u dak kollu li tixtieq qalbkom.**

# ROKNA TAT-TFAL



**Kif intom tfal?** Spiċċa s-Sajf u bdiet l-iskola u b'hekk kulħadd reġa' beda bir-rutina. Minn jaf kemm intom ferħanin issa li er ġajtu ltqajtu mal-
ħbieb ta' l-iskola. Forsi hawn minnkom li tinsabu xi ftit beżgħana peress li bdejtu tmorru xi skola ġdida jew qegħdin f'xi klassi ġdida. Taqtawx qalbkom tfal! Kulħ add jiġrilu hekk meta jkun qed jgħaddi minn esperjenza ġdida. Tfal, meta tħossukom b'qalbkom maqtugħa għidu talba lill-Mulej, jew lilll-Madonna jew lill-Anġlu Kustodju. Permezz ta' din it-talba intom tibdew tħossukom ħafna aħjar.

Semmejtilkom l-Anġlu Kustodju. Tfal, Alla ħalaq ħafna anġli u kollha sbieħ. Imma mhux kollha baqgħu sbieħ. Tafu għalfejn? Kien hemm xi anġli li webbsu rashom u ma ridux jobdu lil Alla. Għalhekk, Alla keċċiehom 'il bogħod minnu u xeħithom fl-infern. Dan il-post ħolqu apposta għalihom. Dawn l-anġli ħżiena jissejħu xjaten u l-agħar wieħed fosthom jissejjaħ Luċifru. Dawn ix-xjaten jobogħduna ħafna lilna l-bnedmin. Huma jippruvaw iwaqqgħuna fid-dnub biex b'hekk jeħduna magħhom ġewwa l-infern.

Tfal, kull wieħed u waħda minna għandu l-Anġlu Kustodju tiegħu. Dan qiegħed magħna biex jipproteġina kontra kull ħażen u jagħtina kull għajnuna meta jkollna bżonn. Għalhekk tkun ħaġa sabiħa jekk tkunu qed taqtgħu qalbkom, tkunu ħa tagħmlu xi ħaġa li ma toġgħobx lil Ġesu', tkunu ser tiġġieldu, tkunu qed tibżgħu … troddu s-salib biex b'hekk toġgħbu lil Alla u tgħidu talba lill-Anġlu Kustodju. Ikun biżżejjed anke' jekk tgħidu,

**"Anġlu twajjeb tiegħi, ħu ħsiebi! Jien nirringrazzjak għal dak kollu li tagħmel għalija."**

L-anġli t-tajba jħobbu ħafna lit-tfal. Huma jieħdu ħafna ħsiebna. Għalhekk jissejjaħ l-Anġlu Kustodju. Jgħinuna fl-għażliet li nagħmlu u jħarsuna mill-ħażen. Huma jitolbu ħafna għalina.
Mela, ftakru tfal biex mil-lum 'il quddiem dejjem titolbu lill-Anġlu Kustodju. Jgħinkom kullimkien; fid-dar, fl-iskola, fil-Mużew, fil-karozza, fuq il-karozza tal-linja....L-Anġlu Kustodju jħobbok.. **Narakom....**

<u>Din hija t-talba ta' l-Anġlu Kustodju. Imma tħawdu l-karti li kienet miktuba fuqhom. **Taf tiktibha sew?**</u>

Anġlu t'Alla,

ħarisni,
żommni

Alla tani biex tħarisni,

dawwalli moħħi

Hekk ikun.

u mexxini f'dan il-jum.

<u>**Anġlu t'Alla**</u>______________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________.

illi fit-tjubija

# DJARJU OTTOBRU

| | |
|---|---|
| **Is-Sibt 3**: | 8.00am Siegħa adorazzjoni immexxija mill-grupp Ċenaklu, b'talb ta' Riparazzjoni għal offizi li jsiru lejn il-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija u Qalb ta' Ġesu'. Wara fid-9.00am ikun hemm Quddiesa. |
| **Mis-Sibt 3 Sal-Ħadd 4**: | Bażaar fis-sala tal-Kunvent. |
| **L-Erbgħa 7:** | Katina tar-Ruzarju mmexxija mill-grupp tal-Legion ta' Marija tal-Parroċċa. Jibda mit-8.00am sa 12.00pm – 3.00pm sas-7.00pm. Ikun għaddej ir-Ruzarju l-ħin kollu matul il-gurnata. |
| **Il-Ħamis 8:** | Siegħa Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti fis-Seminarju tal-Virtu Rabat. Trasport jitlaq minn fejn il-Knisja fit-3.00pm. |
| **L-Erbgħa 14:** | 7.30pm Laqgħa għal-Letturi. |
| **Il-Ġimgħa16:** | 7.00pm Quddiesa għat-tfal tad-Dutrina, fejn jiġu presentati tfal li daħlu ġodda din is-sena, u dawk li matul din is-sena sejrin jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. |
| **Il-Ħadd 18**: | **Jum it-Tagħlim Nisrani, -** Fil-Quddiesa tat-8.30am jingħata mandat lill-Katekisti għal din is-sena tad-Dutrina. |
| **L-Erbgħa 21**: | Jintaqa' il Kunsill Pastolali Parrokjali, wara l-Quddiesa ta' filgħaxija. |
| **Il-Ħadd 25:** | Nofs ta' nhar irtir għall-Parruċċjani kollha, inħeġġeġ biex tattendu. Jibda fid-9.00am u nispiċċaw b'ikel għal-xi 2.00pm. Min jixtieq jista' jħalli ismu fis-sagrestija. Huwa mument sabiħ fil-parroċċa biex aħna niltaqgħu u nitolbu flimkien. Dettalji iżjed tard. |

# PROGRAMM FESTA SAN FRANĠISK TA'ASSISI

**L-Erbgħa 30 ta' Settembru: L-Ewwel Jum tat-Tridu**:

**6.30pm** Kuruna Franġiskana, Barka Saġramentali

**7.00pm** Quddiesa bil-ħsieb fuq San Franġisk, minn P. Norbert Ellul Vincenti ofm animata mill-grupp tal-kitarri Creation folk groupp Burmarrad.

**Il-Ħamis 1 ta' Ottubru: It-Tieni Jum tat-Tridu: Ġurnata Ewkaristika**

(Ġesu' espost il ġurnata kollha)

Fis-**6.30pm** Ruzarju

7.00pm Quddiesa bil-ħsieb fuq San Franġisk, minn P Joseph Calleja Ofm Cap animata mill-Kor tal-Parroċċa Ħlewwa ta' Marija.

Wara Quddiesa Adorazzjoni Franġiskana, b'talb ta' fejqan għar-ruħ u l-ġisem u Barka Sagramentali immexxija mill-Kappillan

**Il-Ġimgħa 2 ta' Ottubru: It-Tielet Jum tat-Tridu:**

**6.30pm** Corda Pia (ċelebrazzjoni franġiskana) Barka Saġramentali.

**7.00pm** Quddiesa bil-ħsieb fuq San Franġisk, Minn P. Arthur Cutajar Ofm Conv animata mill-Grupp tal-Kitarri Creation folk groupp Burmarrad.

**Is-Sibt 3 ta' Ottubru: L-Agunija ta' San Franġisk:**

Fis-**6.30pm** Ruzarju u Barka Saġramentali.

7.00pm Quddiesa bil-ħsieb fuq il-mewt ta' San Franġisk. Animata mill-Kor tal-Parroċċa Ħlewwa ta' Marija.

7.45pm Ċelebrazzjoni tat-Transtu ta' San Franġisk. (Nakkunpanjaw il-ġisem tiegħu min din il-ħajja għal-bidu ta' ħajja ġdida).

**Il-Ħadd 4 ta' Ottubru: Jum il festa ta' San Franġisk:**

Fis-**6.00am** Quddiesa bil-ħsieb immexxija min P. Guido Muscat ofm Conv . Fit-**8.30am** Quddiesa bil-ħsieb immexxija minn P. William Bartolo ofm Conv. Animata mill-grupp tal-Kitarri Creation Folk Group Burmarrad.

Wara quddiesa tat-8.30am fuq iz-zuntier isir it-tberik ta' l-animali, u inġenji tar-raba'. Fis-**6.00pm** Rużarju u fis-**6.30pm** Translazzjoni bil-Relikwa ta' San Frangisk mill-crying room għal-Knisja, Barka Saġramentali. **Fis-7.00pm** Quddiesa Konċelebrata mill-komunita' franġiskana, bill-ħsieb fuq San Franġisk, tingħad it-talba tal-għasar immexxija mill-Kappillan P. Donald M. Bellizzi Ofm Conv, animata mill-Kor tal-Parroċċa Ħlewwa ta' Marija. Wara l-Quddiesa ikun hemm il-Bews tar-Relikwa

## *Ħsieb Spiritwali:*

## *GWERRA*

***'U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu.'***
***(Gen 3,15)***

Hekk kif Alla lissen dan il-kliem fil-ġnien tal-Gheden, faqqghet il-gwerra. Xi gwerra hija din? Hija l-gwerra ghar-ruh immortali taghna. Ix-xitan jaf li hemm hajja ta' dejjem tistenniena. Jafu tajjeb dan, ghax hu ukoll daqha u cahadha, u qieghed jaghmel minn kollox biex ahna nichduha wkoll. Ghaddejja gwerra shiha, u hemm bzonn urgenti li narmaw lilna nfusna bl-armi mehtiega.

Fr. John Corapi, wiehed mill-aqwa predikaturi li ghandhom fl-Amerka, jirrakonta spiss kif, ghalkemm imrobbi f'familja kattolika, f'zoghzitu tilef it-triq. Wara li kien player tal-futboll tajjeb hafna u anke suldat fl-armata, sar sinjurun. Kellu dar f'Malibu, yacht personali u kien isuq Ferrari, u hajja ta' pjaciri bla limitu. Imma dawn ma kienux bizzejjed. Daq il-kokaina, u kien ikollu jonfoq $10,000 fil-gimgha biex jixtriha. Sakemm spicca bla dar, bla flus u fi sptar psikjatriku bi breakdown totali. Jiddeskrivi dan iz-zmien bhala *'laqgha max-xitan'*. Jinsisti bla tlaqlieq li kien ir-Ruzarju li kienet titlob ommu ghalih kuljum li salvah mill-infern. Iwissi kemm il-darba li l-familji ghandhom ighidu r-Ruzarju kuljum jekk iridu li jibqghu sodi u b'sahhithom, specjalment meta l-battalja tishon u l-glieda tiqliel. Jghid li min ighid li jiddejjaq ighid ir-Ruzarju qed igib hafna skuzi. Kemm niddejjqu naghmlu affarijiet u xorta jkollna naghmluhom! Il-kuruna tar-Ruzarju u t-talba tar -Ruzarju, ighid Fr.Corapi, huma arma li jwerwru lix-xitan u l-qawwiet tieghu.

San Piju ta' Pietralcina sikwit kien ighidilhom – *'Gibuli l-arma tieghi.'* U kienu jistaqsuh – 'Arma?'. 'Mela patri Frangiskan ikollu l-armi? X'inti tghid?'. U hu kien iwiegeb – *'Gibuli l-arma tieghi. Gibuli l-kuruna tar-Ruzarju.'* Patri Piju kien jaf tajjeb x'isarraf il-hazen. U kien gellied tas-sengha ghax kien jaf x'arma ghandu juza fil-glieda kontra l-qawwiet ta' l-infern. Darba wiehed qallu – 'Padre, illum ir-Ruzarju sar antikwat. Hafna nsara m'ghadhomx ighiduh.' U hu wiegeb – *'Ejja naghmlu bhal ma kienu jaghmlu ta' qabilna u kollox imurilna tajjeb. Min jitlob isalva lilu nnifsu. Min jitlob ftit qieghed fil-periklu.*

*Min ma jitlob xejn, jintilef. Hobbu lil Madonna u ahdmu halli n-nies ihobbuha. Dejjem ighidu r-Ruzarju u ighiduh sewwa. Hija t-talba ta' dik li tirbah lix-xitan.'* Marija hija l-ghadu tax-xitan.

San Luigi ta' Montfort qal li ma jistax ifisser bil-kliem kemm il-Madonna tixtieq li nghidu r-Ruzarju kuljum fil-familji u l-knejjes taghna. U lanqas ma jista' jfisser kemm grazzji jinqalghu permezz tar-Ruzarju.



Bir-Ruzarju nidhlu fil-qalba tal-misteru ta' Kristu u l-missjoni tieghu. Kull posta tfakkar misteru jew grajja fil-hajja ta' Gesu, grajjiet importanti fl-istorja tas-salvazzjoni. Bir-Ruzarju qed nimmeditaw il-Kelma t'Alla. Li titlob ir-Ruzarju jfisser titlob il-Vangelu. Li titlob il-Vangelu jfisser li titlob lil Gesu' Kristu.

- **Jekk ghandek qalbek maqtugha ghax il-hajja thossha bla sens, ighid ir-Ruzarju.**
- **Jekk uliedek qeghdin jinkwetawk, ighid ir-Ruzarju.**
- **Jekk fiz-zwieg tieghek m'ghadx hemm dak il-ferh u entuzjazmu, ighid ir-Ruzarju.**
- **Jekk tinsab bla xoghol, ighid ir-Ruzarju.**
- **Jekk il-problemi tal-hajja qed thosshom jghelbuk, ighid ir-Ruzarju.**
- **Jekk hakmuk id-dwejjaq u tinsab fi krizi, ighid ir-Ruzarju.**
- **Jekk ma tistax teghleb il-vizzju jew id-dnub tieghek, ighid ir-Ruzarju.**
- **Jekk trid tiehu decizjoni mportanti u tinsab imhawwad, ighid ir-Ruzarju.**
- **Jekk tixtieq taqla' xi grazzja specjali, ighid ir-Ruzarju.**
- **Jekk bhalissa ghaddej/ja minn zmien sabih u trankwill, xorta ibqa' ighid ir-Ruzarju.**

**GHADDEJJA GWERRA QALILA U KONTINWA
GHAR-RUH IMMORTALI TIEGHEK – THAZZIMT SEWWA
BL-ARMI GHALL-GLIEDA?**

# FORMAZZJONI TAGHNA U TA' ULIEDNA

## ***KOMUNIKAZZJONI ASSERTIVA***



Ix-xahar l-ieħor tkellimna dwar stili differenti ta' komunikazzjoni u semmejna l-istil aggressiv, l-istil passiv u l-istil assertiv. Kif għedtilkom ix-xahar l-ieħor f'din il-ħarġa ser nitkellmu dwar karatteristiċi ta' komunikazzjoni assertiva.

Mela, kif għidna l-aħħar darba dawk li jikkomunikaw b'mod *assertiv* jilħqu kemm il-bżonnijiet tagħhom kif ukoll dawk tal-oħrajn. Hija komunikazzjoni bbażata fuq ir-rispett lejna nfusna u lejn l-oħrajn. Meta nikkomunikaw b'mod assertiv nkunu ċari dwar dak li rridu jew neħtieġu u nieħdu responsabilta' għal dak li ngħidu.

X'aktarx li ħafna minna ma tiġihomx naturali li jikkomunikaw b'mod assertiv, u dan huwa relatat ħafna mal-mod kif trabbejna. Sfortunatament ħafna nisa kienu mrobbija jkunu passivi fil-waqt li ħafna rġiel ħadu l-messaġġ li sabiex tasal fejn tixtieq jista' jkun hemm drabi fejn ikollok turi x'issarraf, anki jekk tgħolli leħnek. Dan ma jfissirx li ma hawnx nisa li jikkomunikaw b'mod aggressiv jew irġiel li huma passivi. Madankollu għalkemm ħafna minna ma tiġiniex naturali li nkunu assertivi, dan ma jfissirx li ma nistgħux nippratikaw din il-ħila li nkunu assertivi.

Fil-fatt ir-riċerka f'dan il-qasam turi illi aħna nistgħu nitgħallmu nkunu assertivi, u li kulħadd jista' jakkwista din il-ħila.

L-ewwel pass hu li aħna nħossuna tajjeb magħhna nfusna: Jiena dak li jien, bis-sabiħ u inqas sabiħ tiegħi u naċċetta lili nnifsi. Dan ma jfissirx li jien perfett, jew li ma nippruvax inkun aħjar. Sabiex wieħed ikun assertiv huwa importanti ħafna li jkollu kunfidenza fih nnifsu (*positive self-esteem*). Dan għax jekk jien ser nikkomunika dak li rrid b'mod ċar u bla tlaqliq ma rridx nkun naħseb li miniex kapaċi nagħmel dan jew naqta' qalbi li se nasal fejn nixtieq minn qabel ma nibda. Irrid nkun inħossni komdu miegħi nnifsi u rilassat.

Li nkun assertiv ifisser li ma nħossnix skomdu ngħid 'le' jekk dak li qed jitlob minni ħaddieħor mhux lesta li nagħmlu, jew se nagħmlu fuq qalbi. Min jaf kemm-il darba għidna 'iva' lil xi ħadd meta talabna xi ħaġa umbagħad minn warajh noqogħdu ngergru jew dak li jkun talabna nagħmlu, nagħmluh fuq qalbna. Din ma tirriflettix imġieba assertiva. Li nkunu assertivi jfisser li nkunu kapaċi niddeterminaw safejn lesti naslu u nagħrfu il-limitazzjonijiet tagħna sabiex ma noħolqux stress żejjed fuqna nfusna u fuq l-oħrajn.

Ix-xahar li ġej nagħtu xi eżempji prattiċi li jirriflettu dak li tkellimna dwaru f'din il-ħarġa.

**Daniella Zerafa**

# TAJJEB TKUN TAF

## Mużew bniet ħinijiet u ġranet huma:

- It-Tnejn u Ħamis dawk it-tfal li qegħdin Year 5, 6 u Form 1.
- L-Erbgħa u Gimgħa dawk it-tfal li qegħdin Year 1 , 2, 3, 4.
- Ħinijiet sa l-aħħar ta' Ottubru fil-5.30pm, meta jeqleb il-ħin jibdew fl-4.30pm

## Mużew Subien ħinijiet u ġranet huma:

- It-Tnejn u Gimgħa għal dawk li qegħdin Form 1. Ħin 5.00pm sa 5.25pm.
- Wara għal min irrid ikun hemm muzew għal dawk li diga għamlu l-Griza mill-5.30pm sa 6.05pm.



***Ingħaqdu fis-Sagrament taż--Żwieġ***

**Charlene Zarb u Mario Fenech - 7 ta' Settembru 2009**

**Kumitat Festa 2009/2010**

Bħal kull sena wara li tgħaddi l-festa jerġgħu jsiru sejħiet għal membri ġodda fil-kumitat tal-Festa kemm irġiel kif ukoll nisa. Min huwa interessat li jagħmel parti minn dan il-kumitat jimla din il-formola u jgħaddiha lill-Kappillan sal-Ħadd 18 ta' Ottubru. Inħeġġeġ persuni ġodda biex jagħtu sehemhom f'dan il-kumitat.

.........................................................................................................................................
.

**Kumitat Festa 2009 / 2010**

**Isem u Kunjom** ______________________________________________

**Indirizz.**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________